KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 62** **Tlieta 20 ta' Ġunju 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Bonnici u Borg. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Bonnici u Borg.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għalkemm fuq l-aġenda hemm mniżżel l-*item* 62.5.3 Aġġustamenti tal-Financial Statements 2022, dwar dan mhux ser jkun hemm *update* peress li ġejna nfurmati l-bieraħ mill-awdituri li għadhom mhux lesti min naħa tagħhom.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 61**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni fi prinċipju ġiet aċċettata u intbagħtet għal-valutazzjoni sabiex jiġi eventwalment iddraftjat il-kuntratt u l-prezz li jrid jitħallas.

Is-Sindku nforma li ser jara prezzijiet ta' bye-laws ta' ġonna oħra biex nimxu fuqhom bħala prezzijiet. L-aħħar bye-law identika għall-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta li saret hija tal-Park Nazzjonali li jinsab ta' Qali. Is-Sindku fakkar li skond l-liġi kurrenti l-ħlas massimu għad-devoluzzjoni m'għandux jkun aktar min €500.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA ~~u Tal-Ġeneral Co. Ltd.~~**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din il-materja hija dwar il-PAMA u għalhekk ser jinqata' mit-titlu "u Tal-Ġeneral Co. Ltd", għax din il-materja issa hija magħluqa.

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma l-Onor. Zrinzo, fejn wegħdu li ser jagħmlu l-intervent fuq il-ġibjun biex jitneħħew kull perikli li preżentement hemm. Wara ser isir studju dwar kemm jesa' ilma, jekk hemmx bżonn tindif tal-ġibjun u rapport strutturali dwar il-kundizzjoni tas-saqaf tal-ġibjun.

Fis 6:15pm daħal għal-laqgħa Il-Kunsilliera Cassar.

Jista' jkun hemm bżonn jitnaddaf u għalhekk irridu naraw jekk il-ġibjun hux mimli bin-naqal u ħmieġ. Is-Sindku nforma li ltaqa fuq il-post ma uffiċjali tal-Public Works (PW) fejn spjega kollox xi jrid jsir u kellhom jkellmuh lura.

Illum id-Direttur Ġenerali tal-PW il-Perit Sur Stephen Bonello, kellem lura lis-Sindku, u irrisponda hekk fuq xi punti li tqajmu:

- Tneħħija ta' gazebo, *planters* u bankijiet ser jitneħħew mil-PW;
- Hemm xi 7 jew 8 bankijiet mal-ħajt tat-triq li meta jitneħħew, wieħed jsib xi toqob tal-ġibjun, u għalhekk iridu jsiru gradilji tal-ħadid. Dawn il-gradilji ser jsiru mill-PW, imma ġie mitlub li l-materjal jitħallas mil-Kunsill;
- Jitbattal il-ġibjun mill-ilma mill-Kunsill, fejn wara li jitbattal, uffiċjali tal-PW ikunu jistgħu jinżlu fih u jinvestigaw jekk hemmx ħmieġ u jekk hemm x'possibbiltà hemm ta kif jista' jitnaddaf;
- Rigward il-kundizzjoni tas-saqaf tal-ġibjun, għanda ssir spezzjoni mill-Perit tal-PAMA li huwa responsabbli mil-proġett.
  Is-Sindku żied jgħid li però xorta jixtieq li jkun hemm rapport indipendenti mill-Perit tal-PW, u mhux mill-Perit tal-PAMA biss għar-raġuni li mall-PAMA issa hemm arbitraġġ.

Is-Sindku nforma li ser iwieġeb uffiċjalment.
Il-Kunsillier Cassar nforma biex meta jitbattal l-ġibjun, dan għandu jintefa fl-*overflow.*

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Rigward il-laqgħa ma Infrastructure Malta (IM), li ntalbet mil-membri tal-Kunsill fl-aħħar laqgħa, biex direzzjoni lejn in-Naxxar jkun hemm *two-lanes* u *bike-lane,* filwaqt li direzzjoni lejn Difiża Ċivili għanda titneħħa l-*bike-lane*, u tkun *one-lane,* is-Sindku nforma li kellmu s-Sur Pawlu Abela tal-GRTU, fejn jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kunsill u talab biex jkun parti mil-laqgħa li għanda ssir ma IM.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li għalkemm sar qbil biex jiġġedded il-kuntratt, għad trid issir laqgħa mal-kuntrattur Elles Urban Services, però għadu ma tagħniex data.

Sadanittant hemm xi garaxxijiet, fi triq il-Mitħna u triq it-Trinċetta fejn hemm residenti li għadhom ma jistgħux jdaħħlu u joħorġu l-vetturi tagħhom wara li saru xogħolijiet ta' *Major patching*, u għalhekk saret *works order* (WO) lil *handyman* tal-Kunsill biex jitranġaw/jsiru r-rampi bid-*dropper,* għax ma nistgħux nibqgħu nistennew il-kuntrattur jikkonferma jekk hux ser jaħdem jew le.
Il-*handyman* tal-Kunsill għandu jitkellem mas-sidien tal-garaxxijiet biex jara min hemm minnhom li għandhom bżonn rampa.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk dan ix-xogħol jistax jkun stmat, mhux biex tittella' fil-laqgħa, imma r-rata li qed jaħdem bija il-*handyman* fuq dawn ix-xogħolijiet għadna ma nafuhiex, u dan qiegħed jagħmel *sub-contracting*. Is-Sindku nforma li l-valur fuq il-WO huwa gwida u tajjeb li jsir, però mhuwiex kontra l-liġi li WO urġenti tkun bla valur, u ma hemmx għalfejn titressaq il-lista tal-WO's f'laqgħat tal-Kunsill. Din hija prassi li jagħmilha l-Kunsill tal-Mosta, u mhux kull Kunsill jressaq il-WO fil-laqgħat. Il-Kunsillier Cassar għalhekk talab li għandu jkollna bil-miktub u direzzjoni mid-DLG, li ma hemmx għalfejn jkun hemm il-valuri/rati mniżżlin fil WO, jekk tkun anqas min €5,000 u jekk hemmx bżonn li nibqgħu intellgħu lista tal-WO's fil-laqgħat tal-Kunsill.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) nfurmat li ser terġa tibgħat lil-Avukat tal-Kunsill biex imexxi bil-kawża, ta' l-eks l-impjegat Shaun Theuma Marshall peress li għadu ma ħallasx il-pagament dovut wara li nħarġitlu l-ittra legali.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma li nfurmajna lill-ERA bid-deċiżjoni tali-Kunsill li mhux ser jsiru Bring-In-Sites bla kameras.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex l-BOQ, u qal li kellu laqgħa ma l-Arċipriet fejn nformah li ma jistax juża l-flus biex jkun hemm dawl f-toroq pubbliċi u l-fondi tar-rifużjoni tal-VAT ma jistgħux jintużaw għal dan l-iskop għax imur kontra l-istatut tal-Fondazzjoni. Jiġifieri, jew il-Kunsill ma jagħmilx dwal dekorattivi, jew il-Kunsill jressaq talba lil NDSF għall-fondi neċessarji, nkella l-Kunsill jagħmel bozoz oħrajn li ma jkunux jaqblu xejn mad-disinn ta' Frank Franjou però jkun xorta effettivi u ferm irħas.
Is-Sindku nforma li almenu ta' mad-dawra tal-pjazza jsiru skond id-disinn tad-disinjatur tad-dawl Frank Franjou u dawk il-bozoz sas-City fi triq il-Kbira u sa Lord Nelson I triq il-Bażilika ma jsirux skond dan id-disinn propost biex b'hekk titnaqqas in-nefqa li trid issir.
Il-membri preżenti unanimament qablu li nippruvaw nimxu l-quddiem billi nressqu talba għal-fondi lill-NDSF biex jekk jista' jkun il-proġett isir fl-intir tiegħu kif disinjat.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Sindku fakkar li fond ma l-ERA hemm €75,000, u qed jistenna risposta mil-ERA biex naraw nistgħux nużaw il-flus fuq il-ġiebja ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Huwa ltaqa ma' uffiċjali tal-ERA fuq il-post fejn ippropona biex dawn il-flus jintefqu billi jitranġa l-ġibjun strutturalment, jissaqqaf, jsir il-pavimentar, dwal u puġġamani fuq biex tiġi ffurmata 'belvedere'. Trid issir ukoll *pump room* biex jkun jista' jissaqqa l-ġnien awtomatikament permezz ta' pompi tal-ilma. L-ERA talbu li jekk jista' jkun il-fondi jservu wkoll biex jitneħħew siġar aljeni nvażivi mill-ġnien l-Għarusa tal-Mosta u jsir taħwil ta' siġar oħra minflok.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Sindku nforma li għad ma ltaqax mal-MicaMed biex jintgħażel id-dawl li jrid isir fir-rampa ta' ġnien Vjal Ragusa, li qiegħed faċċata tal-pont.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li talbet lil-Avukat tal-Kunsill biex issir l-emenda tat-test tal-abbozz legali mil-Avukat tal-Kunsill, u għalhekk ħa tibgħat tfakkira.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Sindku nforma li għad jrid jiltaqa' mas-Sur Joseph Gatt li huwa rappreżentant taċ-ċikliżmu.

**REF: 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**
Is-Sindku nforma li llum kien hemm *meeting* ma Infrastructure Malta (IM) u mall-kuntrattur ta' IM, dwar Triq il-Mitħna, triq il-Mitħna l-Qadima, triq it-Torri, triq Ġużeppi Callus, triq Xorxa u parti min triq Ġlormu Cassar. Enemalta bdew ix-xogħolijiet tagħhom min triq Kungress Ewkaristiku u waslu sa triq Cejlu Tonna, fejn ser jitqiegħed l-ewwel 350 metru *cable.*
Is-Sindku bagħat l-pjanta lil Kunsilliera u nforma wkoll li tkellem mal-Perit ta' IM biex dik il-parti ta' triq Ċejlu Tonna fejn ser isiru trinek mill-Enemalta ssir ukoll bit-tarmak.
Huma ddiskutew li idealment l-ewwel tinbeda triq it-Torri minħabba l-użu ta' din it-triq mill-vetturi ta' trasport lejn l-iskola primarja.

Saret diskussjoni dwar min fejn l-aħjar jibdew ix-xogħlijiet minħabba l-purċissjoni. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat l-pjanta l-parroċċa biex il-baned, meta jsiru l-marċi bejn l-10 u t-12 ta' Awwissu jevitaw it-toroq li qegħdin *highlighted* fil-pjanta, filwaqt li għal-purċissjoni ta' Santa Marija mhux ħa tkun affettwata għaliex dawn it-toroq bilfors iridu jkunu fi stat li l-purċissjoni ssir b'mod sigur.

**REF: 54.4.4 UPDATE ĦARĠIET**
Il-Kunsillier Deguara nforma li fl-aħħar ħarġa li saret ġewwa l-Mużew tas-Santwarju Ħaz-Zabbar attendew 58. Ħarġa li jmiss ser issir fit-22 ta' Ġunju f'Għawdex.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku li għad jrid jibgħat ir-rendikont tal-*financial bids* li offrew il-*bidders* biex jintgħażel l-aħjar prezz, u ssir l-evalwazzjoni mil-bord.

**REF: 54.5.8 KLMT 04-2022 Light Bollards fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Sindku fakkar li l-*press conference* ser issir nhar il-5 ta' Lulju fid-9am ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta, liema invit intbagħat lill-Kunsilliera biex jattendu. Min dan il-proġett ser nibbenefikaw mill-iskema SPI/SCI/05/2020 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri s-somma ta' €48,837.25 liema pagament qiegħed fl-iskeda tal-pagamenti numru 140 li ser ikunu approvati waqt din il-laqgħa tal-Kunsill numru 62.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri tal-bord biex jibdew l-evalwazzjoni. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma setax jiftaħ id-dokument biex jagħmel l-evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sindku u lil Kunsilliera Galea jekk għadhomx l-istess problema, u nformaw li għadhom ma fetħux id-dokument. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tistenna

*feedback* mis-Sindku u mil Kunsilliera Galea, ħa tara jekk għandhomx l-istess problema ħalli fil-kas tibgħat lid-DOC.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Dwar l-ispustjar tal-monti, is-Sindku nforma li jrid jibgħat email lis-Sur Godwin Warr tat-Trade Department.

Saret diskussjoni dwar tabelli tal-monti, li hemm bżonn jitneħħew;

- Tabella triq Tabib Chetcuti k/m triq Nicolo Isouard, direzzjoni lejn 9 t'April.
- Tabella triq Tabib Chetcuti k/m triq Nicolo Isouard trid titlà parkeġġ l-fuq.
- Tabella triq Nicolo Isouard k/m triq Alvaro de Sande, ħa niċċekkjaw sa fejn jasal il-monti, u jekk hemm bżonn tersaq.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegata irriżenjat u għalhekk trid terġa ssir is-sejħa. Il-permess qiegħed għal-żewġ impjegati.
Il-membri preżenti qablu biex l-*interviews* jsiru għal-tlett impjegati skala 15, skont kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa *item* REF: 58.3.6 Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16.

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**
Is-Sindku nforma li lis-Street Naming Committee bagħtu email fejn issa qed jitolbu li ssir t-triq kollha u mhux parti minnha.
Il-Kumitat qed jipproponi lill-Kunsill Lokali biex it-triq kollha t'issemma Triq Freddie Micallef li tibda k/m Vjal l-Indipendenza u tispiċċa k/m Triq il-Kultellazz. Il-parti l-oħra li qiegħda għaliha u tibda k/m Triq l-Antinni u tispiċċa k/m Triq l-Istrinġel tibqà imsemmija bl-isem ta' Triq id-Dawr.

Il-membri preżenti unanimament qablu mas-suġġeriment ta' lis-Street Naming Committee.

Il-Kunsillier Cassar fakkar li kul sena kienet tiġi ċelebrata ġurnata kommemorattiva f'April għal-Freddie Micallef fejn il-monument li jinstab fejn iċ-ċentru ċiviku. Il-membri preżenti unanimament qablu biex kull sena fis-6 t'April nikkommemoraw il-memorja tiegħu.

Is-Sindku nforma li peress li triq id-Dawr ser tkun msemmija għal-Freddie Micallef, iddiskuta mall-membri preżenti jekk jaqblux li hu jistaqsi l-familja tiegħu jekk jikkunsidrawx li l-monument jiċċaqlaq fl-istess triq li ser t'issemma għalih fil-Housing Estate. Saret diskussjoni u s-Sindku għandu jitkellem mall-familja Micallef biex jara l-opinjoni tal-familja.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew *update* mil-Kunsillier Bonnici, li kellha tattendi għal-laqgħa taż-żagħżagħ.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-perit ta' Project Green Beverly Costa biex nibdew bil-konsultazzjonijiet mas CRPD, Transport Malta (TM), ERA u mas-Superintendence of Cultural Heritage. Il-Kunsill jrid japplika għal-permess tad-DNO u jinħareġ tender lejn l-aħħar tas-sena, però qabel trid issir il-konsultazzjoni ma l-entitajiet.

Apparti min hekk irridu nikkonsultaw mal-klabb tal-boċċi, l-armar, katekumeni u l-*pet shop* minħabba l-*alighting and boarding bay.* Is-Sindku żied jgħid li fil-pjanta saret *three point turn,* biex min jidħol min quddiem jkun jista' jerġa joħroġ, kif wkoll iċ-*chargering pillars* u l-parkeġġ tal-knisja ser jersqu wkoll. Hemm wkoll sbatax il-parkeġġ li ser jkun *timed parking,* u fuq in-naħa ta' quddiem fejn il-latrini pubbliċi ser jsiru 5 parkeġġi tat-tobba u 3 tal-Kunsill, għax fejn qegħdin issa dawn eventwalment ser jitneħħew.

Saret diskussjoni dwar id-*disabled parking bay* li hemm fit-tarf wara l-*bus stop,* li kienet tintuża min persuna li llum ġie nieqes, u għalhekk il-membri preżenti talbu biex titneħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja ma TM, fuq din id-*disabled bay*.

**REF: 56.3.10 Laqgħa Pubblika t'April**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lil membri presenti biex min għadu ma bagħatx ir-rapport amministrattiv 2022, jibgħatu mill-aktar fis.

**REF: 56.4.6 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara reġa' fakkar li d-*deadline* kienet sa nofs Ġunju. Sar qbil li issa il-*magazine* joħroġ għaż-żmien tal-festa Santa Marija.

**REF: 58.3.1 Cleaner għal-uffiċini tal-Kunsill**
Proċess ta' ingaġġ intern, kif wkoll Kunsilli u Reġjuni issa magħluq fejn ma applika ħadd, għalhekk issa jmiss li ninfurmaw l-Jobsplus biex jibgħatu l-lista ta' kandidati.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li kellmuh ta' Infrastructure Malta (IM), biex jibgħatilhom proġett li jiswa sa €150,000 mil-lista tad-DPF fejn il-Kunsill jista' jagħżel wieħed mil-proġetti li hemm fil-lista.

Il-Kunsillier Cassar talab li l-prijorità għanda tkun skond kif ġew ippublikati, filwaqt il-Kunsillier Camilleri ssuġġerixxa li għandhom jintgħażlu l-għar toroq, li waħda minnhom hija triq Charles J. Vassallo.

Is-Sindku nforma li l-madum tal-pjazza li nqala, inżamm biex nkunu nistgħu nużawh x'imkien ieħor. Il-Kunsillier Cassar nforma li Sqaq Xorxa u Sqaq San Anton Abbati kellhom jsiru bil-*paving blocks*, u għalhekk dawn jistgħu jsiru bil-madum li nqala mil-pjazza.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li jsiru triq Dun Mikiel Xerri u triq Charles J. Vassallo. Għalhekk għanda ssir reviżjoni tal-BOQ's għad-tqegħid tal-madum biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex ninfurmaw lid-Development Planning Fund (DPF), minħabba l-urġenza tal-kuntratt għax dalwaqt ser jibda x-xogħol ta' pavimentar.

**REF: 58.3.3 Latrina Pubblika**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li ser jibda jinħadem it-tender għal-*toilet attendant,* bl-ispiża fis-sena tkun ta' €8,031 skond l-allokazzjoni ta' l-2023. Nkunu nistgħu nibdew nimplimentaw il-ħlas ta' 50c meta tkun approvata il *bye-law*, liema dettalji intbagħtu lill-Avukat tal-Kunsill biex jipprepara l-abbozz. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-latrina tad-*disabled* ser tkun *gender-neutral* u ser tkun flok dik li llum hemm fil-pjan terran biswit il-parkeġġ li llum hija biss għad-*disabled.*

**REF: 58.3.6 Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tapplika għal permess ta' ingaġġ ta' skrivan skala 15, kif kien maqbul u deċiż fl-aħħar laqgħa mil-membri tal-Kunsill. Ħa titlob biex dan l-ingaġġ isir mall-permess li kien inħareġ qabel mil-JobsPlus u mid-DLG għal-żewġ impjegati.
Referenza minuti: REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li s-Sur Cohen qallu biex il-Kunsill jirrakkomanda fejn tista' ssir lis-*sleeping police,* mbagħad Transport Malta (TM) jevalwawa. Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li ssir qabel ir-residenza tas-Sur Eddie Calleja, li tiġi triq il-Mitħna kantuniera ma triq il-Bdoti.

**REF:59.3.3 Parks and Gardens – Housing**
Dwar is-siġar taċ-ċipress is-Sindku fakkar li fl-aħħar laqgħa l-membri tal-Kunsill qablu li jsir tentattiv li fejn hu possibbli dawn jinżabru, mbagħad jekk jibqa' l-periklu jinqalghu aktar il-quddiem. Madankollu hemm xi wħud minnhom li bilfors iridu jinqalgħu.

Is-Sindku fakkar li kien ġie diskuss li dawn jinżabru filati l-isfel mill-apromorta eżistenti però hemm minnhom li z-zokk tant hu twil li l-weraq jitilgħu madwar seba' filati l-fuq mill-livell tal-appramorta, jiġifieri dawn ma jistgħux jinżabru kif stipulajna għax jekk jiġri hekk jifdal iz-zokk biss.

Il-membri preżenti qablu li dawk li huma f'dan l-istat li ser jibqalhom zokk biss jinqalghu, però l-Kunsillier Deguara ħa jiċċekkja qabel ma *horticulcurist* ieħor għal parir.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL u l-Pont**
Is-Sindku nforma l-MCAST baqgħu ma rrispondewx dwar il-proposta mill-Kunsill biex isir monument artistiku mill-istudenti. Jekk tibqà ma tirrispondiex isir xi ħaġa oħra.

Rigward ir-*roundabout* ta' quddiem il-LIDL il-Kunsillier Camilleri nforma li l-persuni li ġew proposti ġew avviċinati u aċċettaw li jkunu parti mill-kumitat. Dawn huma s-Sindku, il-Kunsilliera Cassar u Camilleri, Profs. George Cassar, Raymond Cauchi, is-Sur Vince Dimech (artist) u rappreżentat mill-Parroċċa li għad jridu jressqu l-isem tal-persuna. Il-Kunsillier Camilleri nforma li tajjeb li ssir l-ewwel laqgħat qabel il-festa.

**REF: 59.3.9 - SPI/SCI/01/2023 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024**
Is-Sindku nforma u qara l-ittra ta' ftehim, fejn l-avveniment San Martin fil-Mosta, li ser jkun organizzat fil-*weekend* bejn l-10 u 12 ta' Novembru, ġiet approvata u ser nibbenefikaw mis-somma ta' €18,000 VAT inkluż. Il-Kunsill applika għal total ta' €28,000 fejn ma din is-somma hemm €4,200 li huma fondi oħra ta' l-agrikultura. Is-Sindku semma wkoll li ser nippruvaw nitolbu biex nieħdu fondi mill-Ministeru tal-Kultura wkoll.

**REF: 59.3.11 - SPI/SCI/03/2023 Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li bħala tindif ġie stabbilit sit li huwa x-xelter ta' Bormla, fejn ġibna stima li jinkludi *power wash,* liema spiża globali hija ta' €5,000 u l-Kunsill bħala fondi ser jieħu lura €1,500. Din l-attività ser issir mis-6 sa l-10 ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-Kunsilliera Farrugia u Galea biex kif jkollhom ir-reklamar lest jibgħatuhom.

**REF: 59.3.12 - SPI/SCI/04/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati**
Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-*community police* fejn mhux ħa tinxtara vettura imma ser jixtru xi *scooters.* Is-Surġent għandu jagħtina *update* għax jista' jkun li dawn jinxtraw mil-Ministeru tal-Pulizija.

**REF: 59.3.13 - SPI/SCI/05/2023 Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**
Is-Sindku fakkar li min din l-iskema il-Kunsill jista' jibbenefika sa' massimu ta' €30,000 (inkluż il-VAT) għall-proġett ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġett li sar riċentement mill-Gvern Ċentrali.

Fit-8:17pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Is-Sindku talab proposti mill-membri preżenti fejn saret diskussjoni, u talab lil-Kunsilliera Galea biex tieħu ħsieb tara l-applikazzjoni biex naraw għal liema proġetti nistgħu nibbenefikaw. Jekk huma nklużi toroq napplikaw għal-*landscaping plan* tar-*roundabout* tal-pont.

**REF: 59.5.1 Update - Development Funds as at 11.04.2023**
Is-Sindku nforma li sa issa l-fond tad-Development Planning Fund ma tantx żdied min €1,439,347.78. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li skond il-proġetti pjanata biex jsiru, hemm żbilanċ ta' €131,241.68 li minnu jridu jinqatgħu €42,000, li huma it-42 bozza ta' *phase 4 street luminaires,* peress li dawn il-Kunsill kien iddeċieda li jitpoġġew *on-hold*, kif wkoll toroq li ser jsiru min Infrastructure Malta (IM). Is-Sindku żied jgħid li sakemm isiru ċerti proġetti, il-fond jerġa jiżdied.

**REF: 59.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Il-Kunsillier Cassar talab biex jkollna imejl uffiċjali fejn is-Sindku nforma li bosta drabi mhux dejjem ikollna prezz f'idejna mod speċjalment meta jkun xogħol ikun ta' natura urġenti. Huwa stqarr li fl-aħħar mill-aħħar il-ħlas dejjem isir fuq il-kejl attwali li jkjun sar. Is-Sindku nforma li bejn l-idejali u l-obbligu hemm differenza però safejn jaf hu mhux obbligati li jkun hemm il-prezz fuq il-*works order* u li l-WO's jitilgħu waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Madankollu huwa stqarr li ser jitlob laqgħa dwar mall-AKL.

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li għad jridu jiltaqgħu dwar toroq li hemm bżonn jinbidlu xi ismijiet.

**REF: 61.3.3 Community Police**
Is-Sindku nforma li għad qed jistenna risposta mil-GEB Landscaping jekk hux ser jaċċettaw li jibdew jużaw il-kamra li hemm fi ġnien 15 t'Ottubru, Żokkrija.

**REF: 61.3.4 Skrapjar ta' Vetturi**
Is-Sindku nforma li l-karta s-safra li hija notifika lil sid il-vettura, tista' titwaħħal min TM, Kunsill u/jew Pulizija, u wara tmien t'ijiem il-vettura jew kwalunkwe ħaġa b'mutur, tista' tiġi skrappjata jekk sid l-vettura jew kwalunkwe ħaġa b'mutur ma titneħħiex. Il-Sindku nforma li s-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet sommarju lill-Kunsilliera tal-proposti li rċevejna, fejn minn tlieta rċevejna tnejn, u għalhekk ser naħdmu ma żewġ kumpaniji, fejn għalissa ser jitneħħew dawk li huma mitluqa.

**REF: 61.3.5 Claims**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-imejl lil-Pulizija għadu ma bagħtix, u min dak in-nhar l-hawn daħlu erba' *claims* oħra, minħabba ħofra li hemm il-Bidnija, li kull darba qed jinqala t-tarmak.

Is-Sindku nforma li t-triq ser issir min Infrastructure Malta, u għalhekk talba biex ngħidu lil-*handyman* jagħtiha il-konkos temporanju flok tarmak.

**REF: 61.4.1 Għajnuna lil-Għaqdiet bil-ħlas tal-Wardens.**
Is-Sindku nforma li l-Kunsilliera Bonnici kienet staqsiet x'ser jiġri mil €250 li l-Kunsill kien jħallas għal-għaqdiet bħala għajnuna meta jkun hemm bżonn *wardens.* Is-Sindku nforma li ingħataw €100,000 bħala fondi lil kul reġjun għal attivitajiet, fejn kull Kunsill mid-disa' kunsilli li hemm fir-Reġjun Tramuntana ser jingħata €10,000 u l-bilanċ tas-somma ta'€10,000 titħalla bħala riseva fil-kont tar-Reġjun. Ġie diskuss li l-ħlas tal-*fire engine* fi żmien il-festa ta' Santa Marija tista' titħallas min din l-iskema, inkluż servizzi mil-pulizija u LESA fi żmien il-festa.

Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv, biex tikkonferma mar-reġjun jekk fiż-żmien il-ġimgħa tal-festa hux ser jibqa' b'xejn is-servizz tal-Pulizija u ma jintużawx il-fondi.

**REF: 61.4.2 Użu ta' Parkeġġ fl-Iskejjel**
Is-Sindku nforma li s-Sur George Borg mhux preżenti biex jagħti *update*, imma fadal biss li jkun iffirmat l-MoU u ssir ċerimonja żgħira biex jkun iffirmat l-*agreement*, li kien ġie ċċirkulat mal-Kunsilliera.

**REF: 61.4.3 Dog Bins**
Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk nistgħux nbiddlu jew jitranġa l-kuntratt tal-knis minħabba li żdiedu d-*doggy bins*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsill kien iddeċieda li l-kuntratt tal-knis jiġġedded b'sitt xhur, sakemm jagħtuna risposta l-Cleansing Department peress li kellhom jimpjegaw ħaddiema għal-knis. It-tiġdid jiskadi dan ix-xahar, u kuntratt ma jistax jinbidel imma jsir addendum. Il-Kunsillier Gatt għandu jibgħat lista tad-*doggy bins* lil-Kunsilliera Bonnici biex tiċċekkja fejn hemm bżonn jsiru.

Fit 8:40pm il-membri preżenti qablu li ħin tal-laqgħa jkun estiż sad-9:30pm.

**REF: 61.5.3 Quarterly Report 1: January – March 2023**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-baġit ġiex rivedut, u s-Sindku nforma li ltqajna ma l-accountant u qabel ma jsir reviżjoni s-Segretarju Eżekuttiv għanda tiġbor lista ta' dħul li għandu jiġbor l-Kunsill min kull entità u persuna. Il-Kunsillier Cassar nforma li din il-lista hija għal-*cash flow* u mhux ħa taffettwa l-baġit. Is-Sindku nforma li hemm bosta *works orders* barra mingħajr figuri, li għad irridu nirċievu l-kejl finali u jitħallsu, fejn nisperaw li l-kuntratturi jibgħatu l-*invoices* fil-ħin.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 61.

**62.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**
**62.3.1 Measure 4.3**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li c-*change request* ma ġietx approvata, fejn id-diviżjoni tal-fondi u proġetti rrisondew hekk;

"It-tibdiliet proposti ma jaqgħux fl-ambitu tal-Bord ta' Reviżjoni tat-Talbiet għall-Bidla (CRRB) peress li l-investimenti kollha se jkunu f'finanzjati mill-fondi proprji tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali għandu jsegwi mall-*items* u l-baġit kif indikat fl-ittra ta' għoti u l-ftehim ta' għotja u jipproċedi bl-implimentazzjoni rispettiva tiegħu".

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-istima totali tal-BOQ finali hija ta' €234,420.71 (€198,661.62 VAT eskluża)
L-ammont approvat u l-ispiża eliġibbli bbaġitjata hija ta' €180,009.54, u skont il-kuntratt l-awtorità ta' għandha tikkontribwixxi €162,008.59.

Għalhekk il-Kunsill mill-fondi tiegħu stess irid ikopri l-ispejjeż tal-10% skont il-ftehim u l-*extras* li jammontaw għal €72,412.12.

**62.3.2 Tenders**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lil-bord ta' evalwazzjoni li jridu jagħtu *feedback* fuq id-draft tender;

- **KLMT 04-2023** - Road Maintenance of Access and Access only roads and ancillary works

KLMT 03-2023 intbagħat lil-Kunsilliera kollha fit-8 ta' Ġunju 2023, u reġgħet fakkret lil-bord biex jevalwaw it-tenders li ġejjien;

- **KLMT 03-2022 Services** - Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council.
- **KLMT 03-2023 Services** - Provision of Insurance Services Polices to the Mosta Local Council

Il-Kunsillier Cassar nforma li kellu problemi jaċċessa KLMT 03-2023, fejn is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sindku u lil-Kunsilliera Galea jekk kellhomx l-istess problema, u nformaw li għadhom ma bdewx l-evalwazzjoni, għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex jiftħu t-tender biex jaraw jekk għandhomx l-istess problema.

**62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**62.4.1 Skart**
Il-Kunsilliera Galea staqsiet x'jistgħu jagħmlu jekk jaraw lil-xi ħadd ma joħroġx l-iskart fil-ħin jew ġurnata ħażina. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jew tintbagħat imejl jew wieħed jista' jċempel biex jirrapporta. L-istaff tal-Kunsill jibgħatu ittra lir-residenti tal-blokka kollha jew sid id-dar, u ninfurmaw wkoll lil-LESA u lil-ERA biex jagħmlu *spot checks.*

Is-Sindku nforma wkoll li l-ERA għandhom l-uffiċjali tagħhom wkoll li jduru l-lokalitajiet. Jekk nkunu nafu b'xi *hot spots* ta' rimi ta' skart illegali l-ERA talbuh biex ninfurmawhom.

**62.4.2 Park and Ride**
Il-Kunsillier Zerafa ressaq proposta biex għaż-żmien tal-festa l-Kunsill jħallas *park and ride*, minħabba parkeġġ u għeluq ta' toroq.

Il-membri preżenti unanimament qablu mal-proposta u saret diskussjoni dwar il-ġranet, ħinijiet u spejjez, kif wkoll jekk hux ħa jkun hemm ħlas ta' €1 għal min juża l-*park and ride.*.

Il-membri preżenti unanimament qablu li l-*park and ride* tkun mħaddma hekk kif inhu ġej;

- Dati: 10, 13, 14, 15 t'Awissu

- Ħinijiet: mit 8:00pm sa 12:00am (vjaġġi kull nofs siegħa)

- Post: Jibda tluq fit 8:00pm min Ġnien l-Għarusa tal-Mosta
  Jitnizzlu passiġġieri Pjazza 16 ta' Settembru
  (l-aħħar vjaġġ lura lejn Ġnien l-Għarusa tal-Mosta 12:00am)

- Nhar id-9 t'Awissu żewġ vjaġġi biss għal-kunċert, 8.15pm u 11.30pm.
  Tluq fit-8:00pm min Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u lura 12:00am min Pjazza 16 ta' Settembru lejn Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

Il-membri preżenti talbu li nġiebu stima u wara jiġi deċiż jekk hux ser isir ħlas minn min juża' s-servizz jew jekk isirx servizz bla ħlas.

**62.4.3 Safety Measures**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk *safety measures* sarux fil-pjazza. Is-Sindku nforma li dawn jsiru u jiddependu min Infrastructure Malta (IM), u ser jiġbdilhom l-attenzjoni, però il-pubbliku ma tantx qed jikkooperaw għax xorta ma jaqsmux kif suppost.

**62.4.4 Siġra fejn il-Kappella Santa Margerita**
Is-Sindku nforma lil-Kunsillier Gatt, li fejn saret it-talba biex titneħħa parti min siġra mejta fejn il-kappella ta' Santa Margerita, s-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li hija art privata. Il-Kunsillier Cassar ikkonferma li art privata, u ma nistgħux noħolqu preċedenti, u dwar din il-Kunsillier Cassar tkellem ma l-Arċipriet.

**62.4.5 Statwi**
Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk jistgħux jitnaddfu lis-statwi ta' E.B Vella u ta' Dun Anġ Camilleri. Il-membri preżenti talbu li nġiebu stima mingħand persuna ntiż fir-restawr tal-Bronż.

**62.4.6 Electric Bollards**
Il-Kunsillier Gatt staqsa meta ser jaslu l-*electric bollards* fil-Bidnija, kif ukoll il-Kunsill kien qabel li ssir oħra fejn il-Miracle Foods fi triq il-Kostituzzjoni.

**62.4.7 Monument ta' l'Iljun**
Il-Kunsillier Gatt xtaq li ta' l-inqas il-Kunsilliera jkunu avżati li se jersaq il-monument ta' l-Iljun. Is-Sindku nforma li l-membri kienu kollha nfurmati fil-mument li kien infurmat hu. Kif sar jaf, nforma lil Kunsilliera kollha fiż-żmien sagħtejn. Il-pjan kien li fid-19 ta' Ġunju kien hemm avviż li ser tingħalaq il-pjazza quddiem Kungress Ewkaristiku biex jingħaqad id-drenaġġ. IM raw li la se tingħalaq il-pjazza minħabba x-xogħol fuq id-drenaġġ ikun aktar jagħmel sens li ma l-istess għeluq jinqala l-monument tal-Iljun fl-istess darba anke minħabba l-fatt li biex dan jintrefa' minn postu trid krejn kbir ta' madwar 80 tunnellata. U dan il-kobor ta' krejn u tali xogħol ma jistax isir mal-ġurnata. Għalhekk, hekk kif IM infurmaw lis-Sindku li dan ix-xogħol ser isir fl-istess ħin li ser tingħalaq it-triq minħabba x-xogħol fuq id-drenaġġ, is-Sindku kkonferma li nforma lill-Kunsilliera wara ftit ħin malli kellu konferma li IM sabu krejn biex jagħmlu din l-operazzjoni fl-istess lejl.

**62.4.8 Pavimentar fejn l-Imħazen**
Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk hux ser jinbidel il-pavimentar ta' fejn l-imħażen, għax hemmhekk id-drenaġġ maqsum min fejn id-dar tal-arċipriet sal-maħżen tal-Grupp Armar. Is-Sindku nforma li l-paviment ser jinbidel sat-taraġ tal=knisja tal-ġenb. Apparti min hekk is-Sindku nforma lil Kunsillier Gatt li d-dipartiment tad-drenaġġ jrid jibgħat u jinfurmaw lil Infrastructure Malta (IM) bil-proposta uffiċjali tagħhom.

**62.4.9 Trasport Pubbliku**
Il-Kunsillier Gauci ressaq ilment li tal-linja numru 47 qegħda kull siegħa. Is-Sindku nforma lil-Kunsillier Gauci biex jibgħatlu imejl għax għada għandu laqgħa mas-CEO ta' TM, fejn is-CEO fl-laqgħa preċedenti kien talab lis-Sindku biex jressaq lista ta' problemi li hemm fil-Mosta rigward it-Trasport Pubbliku.

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk waqafx it-trasport tal-Bidnija, fejn is-Sindku nforma li bħalissa għadu għaddej is-servizz tal-*mini bus,* fejn il-Kunsillier Deguara nforma li trakkijiet xorta baqgħu jgħaddu xorta min fuq il-pont avolja hemm tabella li tindika il-limitu tal-piż.

**62.4.10 Restawr ta' żewġ statwi**
Is-Sindku nforma li kien talab kwotazzjoni lil ta' l-armar biex jitranġaw żewġ statwi ta' Santa Marija, dawn hemm bżonn jiġu mqaxxra u miżbugħa, waħda qegħda fi pjazza Britannia u oħra fi triq it-Torri kantuniera ma triq Kurat Feliċ Calleja. L-istima globali hija ta' €3,800. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil membri preżenti jekk dawn l-istatwi humiex privati, u s-Sindku kkonferma li dawn l-istatwi mhumiex privati.
Il-membri preżenti approvaw l-istima ta' €3,800.

**62.4.11 Jum il-Mosta u Festa Qargħasel**
Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk hemmx baġit, u jekk iva kemm ser jkun approvat il-baġit għal Jum il-Mosta u Festa Qargħasel. Is-Sindku nforma li hemm għax nistgħu nużaw mil-iskema tal-attivitajiet kulturali. Il-Kunsillier Camilleri qal li ssoltu kien ikun hemm baġit ta' €20,000 għal Jum il-Mosta u għall-festa ta' Qargħasel. Bil-prezzijiet dejjem jogħlew, dan l-ammont mhux ser ikun biżżejjed għal dawn iż-żewġ attivitajiet u għalhekk ippropona li jintefqu €15,000 fuq Jum il-Mosta, u ma ssirx Festa Qargħasel, u l-€5,000 li ma jintefqux jintużaw għal festa ta' San Martin li ser issir f'Novembru fejn f'din l-attività il-Kunsill irid joħroġ ferm aktar min €5,000.
Il-membri preżenti approvaw €15,000.

**62.5 Rapporti**
**62.5.1 Update - Development Funds as at 20.06.2023**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa, kif wkoll b'imejl.

**62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**
**62.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 140.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**62.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**62.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**62.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.* Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Mejju 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**62.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:35pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-18 ta' Lulju 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 20 ta' Ġunju 2023.

IFFIRMATI
Perit Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv